**+Tribunal Industrijali**

**Deċiżjoni Numru: 3024**

**Każ Nru: 3632/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**Jonathan Micallef (ID Nru. 476285(M)), Carmen Cuschieri (ID Nru. 299669(M)), Marylise Fava (ID Nru. 261188(M)), Jennifer Falzon (ID Nru. 109869(M)), Melvyn Vassallo (ID Nru. 565774(M)), Bernice Schembri Wismayer (ID Nru. 318387(M), Annalise Zammit ID 172385(M)), Godwin Farrugia (ID Nru. 322869(M)), Audrey Borg (ID Nru. 119469(M)), Doreen Falzon (ID Nru. 16568(M)), Vladimir Pace Frendo (ID Nru. 358483(M)), Stephanie Pearson (144071(M)), Joseph Borg (ID Nru. 49683(M)), Daniela Spiteri (ID Nru. 349681(M)), Bernard Maniscalco (ID Nru. 389591(M)), Denise Fenech (ID Nru. 173390(M)), Clare Muscat (ID Nru. 250073(M)), Chris Fabri (ID Nru. 499479(M)), Yanika DeBono (ID Nru. 333373(M)), Bernardette Gouder Valletta (ID Nru. 280373(M)), Roberta Gauci Borda (ID Nru. 231378(M)), Mary Mifsud (ID Nru. 310475(M)), Esther Azzopardi (ID Nru. 10482(M)), Josann Robertson (ID Nru. 492875(M)), Joel Calleja (ID Nru. 156872(M)), Lilian Mifsud (ID Nru. 139872(M)), Shirley Farrugia (ID Nru. 512871(M)), Charles Vincenti (ID Nru. 136169(M)), Vanessa Degiorgio (ID Nru. 273674(M)), Rachel Gatt (ID Nru. 60578(M)), Conrad Fenech (32468(M)), Margo Micallef (ID Nru. 56577(M)), Joseph Zammit (ID Nru. 254477(M)), Joanne Fenech (ID Nru. 71170(M)), Chris Meli (ID Nru. 423669(M)), Mark Aquilina (ID Nru. 219569(M)), Marie Louise Cutajar (ID Nru. 334069(M)), Anatole Scerri Diacano (ID Nru. 465074(M)), Victoria Seguna (ID Nru. 363967(M)), Martin Cachia (ID Nru. 180567(M)), Pauline Sultana (ID Nru. 408668(M)), Louiselle Cauchi (ID Nru. 276668(M)).**

**vs**

**Airmalta p.l.c. u l-Union of Cabin Crew Members u wara l-verbal datat 30 ta' Ottubru 2018 l-isem ghandu jigi sostitwit u korrett ghall-Union of Cabin Crew**

*dwar allegazzjoni ta' diskriminatorju u ksur ta' prinċipju ta' 'equal pay for equal work'*

**<u>Chairman: Dr Geoffrey Vella LL.D.</u>**

Illum it-Tlieta 8 t'Ottubru 2024

Din hija decizjoni wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Mejju 2024 irriteniet is-segwenti: -

> ***"Decide***
>
> ***Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi:***
>
> ***(a) tilqa' l-appell tas-soċjetà intimata, u dan limitatament kif ingħad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, u tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal ħeles lill-intimata Union of Cabin Crew mill-osservanza tal-ġudizzju, u tikkonferma l-kumplament tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiddikjara l-kumplament tal-imsemmi appell bħala inammissibbli a tenur tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji relattivi;***
>
> ***(b) tiddikjara wkoll inammissibbli l-appell inċidentali tar-rikorrenti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu; u***
>
> ***(ċ) tordna sabiex l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal li għandu jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà o meno tal-intimata Union of Cabin Crew, anki fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens illikwidat favur ir-rikorrenti"[1].***

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi dwar ir-responsabbilita` *o meno* tal-Union of Cabin Crew dwar jekk l-istess Union hijiex responsabbli ghall-hlas ta' kumpens, u dan hekk kif likwidat favur ir-rikorrenti.

Illi ghalhekk inzammet seduta ghal dan l-iskop fejn il-partijiet ittrattaw dan il-punt, u dan hekk kif ordnat l-Onorevoli Qorti tal-Appell, quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2024.

Illi dan it-Tribunal sema' u evalwa t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet, u cioe` l-Avukat Philip M. Magri ghar-rikorrenti, l-Avukat Ron Galea Cavallazzi ghas-socjeta` Air Malta plc, u l-Avukat Keith A. Borg ghall-intimata l-ohra, Union of Cabin Crew, dwar dan il-punt ta' responsabbilita` tal-Union intimata.

---

[1] Decizjoni tat-3 ta' Mejju 2024, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Appell Inferjuri Numru 85/2023 LM, fl-ismijiet Jonathan Micallef et vs Air Malta plc (C-2685) u l-Union of Cabin Crew, per l-Onorevoli Mhallef Lawrence Mintoff.

Id-difensur tar-rikorrenti, beda t-trattazzjoni tieghu billi sostna li l-Qorti tal-Appell laqghet limitatament l-Appell u li ghalhekk issa fadal din il-vertenza jekk il-Union of Cabin Crew ghandhiex tinzamm responsabbli, in toto, in parte, jew addirittura ma hi responsabbli xejn.

Ir-rapprezentant legali, Dottor Philip M. Magri ssottometta li kien hemm qbil mar-ragonament ta' dan it-Tribunal, u dan stante li r-ragonament kien ibbazat fuq l-artikolu citat tal-Kap 452. F'dawn it-tip ta' kwistjonjiet l-azzjoni hi bejn il-principal u l-impjegati. Gie sottomess li din il-kwistjoni ta' xoghol giet intavolata kontra l-principal u kontra l-Union of Cabin Crew minhabba l-intergrita` tal-gudizzju. Hu l-principal li jrid jissalvagwardja l-principju tal-*equal pay for equal work*. Il-Principal, f'dawn ic-cirkostanzi dan ma ghamlux, sostna l-konsulent legali tar-rikorrenti.

L-intimata Union of Cabin Crew kienet parti mill-kuntratt, ossia l-Ftehim Kollettiv, u ghalhekk kellha tkun parti minn din il-kwistjoni ta' xoghol. L-avukat Magri, fit-trattazzjoni tieghu, jaghmel referenza ghall-artikolu 1049[2] u 1050[3] tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli citati jittrattaw meta zewg persuni jew aktar b'mod doluz jaghmlu hsara u ghalhekk huma obbligati li ghal hlas ta' dik il-hsara. Fi ftit kliem ghalhekk l-intimati huma responsabbli *in solidum* bejniethom ghal hsara li r-rikorrenti soffrew.

Fit-trattazzjoni tieghu, ir-rapprezentant legali tatr-rikorrenti ghamel diversi referenzi ghal decizjonijiet[4] nostrani dwar dawn l-artikoli tal-Kodici Civili u kif ukoll referenza ghal Kodici Civili Awstrijak li l-artikolu 1302 tal-istess kodici hu simili ghal dak taghna, u cioe` 1049. Illi ghalhekk hu l-artikolu 1049 tal-Kap 16 li dan it-Tribunal ghandu jibbaza r-ragonament tieghu f'kaz li hemm responsabbilita` da parti tal-Union intimata sostna d-difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni tieghu[5].

Ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jara jekk id-dannu sarx intenzjonalment u dan kif jistipula l-Kodici Awstrijak, dak li sar accenn ghalih fit-trattazzjoni. Il-Ftehim Kollettiv gie ffirmat miz-zewg intimati u hadd ma jffirma ftehim b'att ta' negligenza. Ghalhekk, sostna d-difensur tar-rikorrenti li fil-kaz odjern dan hu dolo, ossia sar b'mod intenzjonat miz-zewg intimati. Issir referenza ukoll ghall-artikolu 1050 tal-Kap 16, li dan l-artikolu jistipula dwar dik il-parti tal-hsara kagonata li ma tkunx tista' tigi stabbilita minn dak li jkun sofra dik il-hsara.

Illi, hawn ukoll saret referenza mid-difensur tal-partijiet ghal xi gurisprudenza lokali dwar dan il-punt ta' responsabbilita`. Gie sottomess li d-danneggjat ikollu garanzija, peremzz ta' dan l-

---

[2] Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 1049 (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija i*n solidum*.

[3] Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu, 1050 (1) Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.

[4] Qorti tal-Appell Superjuri, Appell Civili Nru: 117/2006, fl-ismijiet, Martin Xerri vs Joseph Rapa vs Carmel Rapa, deciza 28 ta' Gunju 2012, per l-Onorevoli Mhallef S.T.O. Dottor Sivio Camilleri, Onor. Mhallef Dottor Geoffrey Valenzia u Onor. Mhallef Dottor Giannino Caruana Demajo, u Qorti Civili, Prim Awla, Cit Nru: 790/2004, fl-ismijiet, John Fitz u Shirley Gauci vs l-Avukat Anthony Rutter Giappone fil-kwalita' tieghu ta' kuratur ta' l-assenti Domenique Austrauu u Giani Vitali, deciza fit-18 ta' Ottubru 2013, per l-Onor. Mhallef Dottor Anthony Ellul.

[5] Trattazzjoni tar-rikorrenti, seduta tal-11 ta' Gunju 2024, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

artikolu 1050 tal-Kap 16, li jkun jista' jiehu azzjoni kontra wiehed minn dawk li jkunu responsabbli u dan minghajr il-bzonn li jiehu azzjoni kontra l-ohrajn[6].

In oltre, gie wkoll sottomess fl-eghluq tat-trattazzjoni, mir-rapprezentant legali tar-rikorrenti, li qatt ma tressqet eccezzjoni mill-intimati dwar li xi hadd minnhom ittenta li jaghti l-htija lill-parti l-ohra. It-Trattazzjoni nghalqet mid-difensur tar-rikorrenti fejn sostna li fl-ahhar mill-ahhar hu l-Principal li ghandu jwiegeb fil-konfront tal-impjegati. Il-Principal hu dak li jrid ihallas il-pagi u l-Union intimata ma thallasx pagi.

Mill-banda l-ohra r-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata, Air Malta plc, Dottor Ron Galea Cavallazzi, rribatta ghal dak li gie sottomess mir-rapprezentant legali tar-rikorrenti, fejn irrimarka li r-rikorrenti qeghdin jinsistu ghar-responsabbilita` *in solidum*, u dan stante li aktar hemm il-possibbilita` li jithallsu mis-socjeta` ntimata milli jithallsu mill-Union intimata. Hawnhekk saret referenza ghall-fatt li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal alloka 20% ta' negligenza kontributorja lir-rikorrenti, u dan sar minhabba dak li ghamlet l-union intimata, ossia l-UCC.

In oltre, sostna r-rapprezentant legali tas-socjeta` nitmata, li qatt ma jista' jkun hemm dannu doluz meta l-partijiet kollha, qabel iffirmaw il-ftehim hadu pariri legali. Li gara kien, li kien hemm effetti diskriminatorji li lanqas ma kienu diretti. Dawn l-effetti diskriminatorji kienu minhabba l-fatt li l-mod kif kien imfassal il-mekkanizmu tal-pagi kien zvantagg fuq kategoriji ta' mpjegati minn ohrajn[7].

Fit-trattazzjoni saret referenza ghal dak li kien gara fis-sena 2016, u dan meta l-Gvern kien beda trattativi mall-Alitalia u kien inqala` paniku dwar x'kien se jigri mill-impejgati tal-Airmalta. Hawnhekk l-intimata union kienet bdiet negozjati mall-Gvern minghajr ma nvolviet lil Airmalta. Dan kollu sar minghajr ma l-Airmalta nghatat pre-avviz jew giet involuta, jew li tigi protteta *take home pay*. Sussegwentement kien sar il-Ftehim Kollettiv tat-22 t'Awwissu 2016. Kif kull min kien involut f'din il-kwistjoni ta' xoghol il-membri tal-*cabin crew* kienu gew garantiti li jiehu *take home pay* fuq l-ahjar sena li tintghazel minn dak il-membru tal-*cabin crew* tas-snin 2014, 2015, 2016. Dan il-mekkanizmu kien gie maqbul bejn il-Gvern u l-UCC biss[8].

Dan kollu sar sabiex tinzamm il-paci industrijali, sostna l-konsulent legali tas-socjeta` Airmalta, u kif ukoll sabiex jimxi 'l quddiem il-Ftehim Kollettiv il-gdid. Li gara, sahaq id-difensur tas-socjeta` ntimata, kien li dan il-ftehim kien dahal bhala appendici *ab verbatim* fil-Ftehim Kollettiv ta' Dicembru 2017. Kien hemm modifika wahda ghal dak il-mekkanizmu u din kienet li tghodd ukoll ghas-sena 2017 ghat-*take home pay*, u dan peress li f'dik is-sena kienu gholew il-pagi ta' kulhadd fl-Airmalta. Hafna mill-impjegati kienu ghazlu dik is-sena, 2017 bhala *take home pay* ghaliex kienet l-aktar sena li hadu paga. Il-bonus tal-mekkanizmu korrettiv (*corrective mechanism bonus*) kien gia mifthiem minn qabel u ghalhekk baqghet diehla mall-Ftehim Kollettiv, sostna d-difensur tal-Airmalta.

---

[6] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor. Mhallef Philip Sciberras, Appell Civili Numru. 637/2003/1, fl-ismijiet Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta p.l.c. u Windsor Holdings Limited, deciza 9 ta' Frar 2005.
[7] Trattazzjoni tas-Socjeta` ntimata Airmalta plc,seduta tal-11 ta' Gunju 2024, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[8] Ibid

Dan kien juri bic-car li l-bonus tal-mekkanizmu korrettiv ma kienx gie diskuss mall-Airmalta u lanqas li kien xi frott tan-negozjati mall-istess Airmalta. Dan kien abbuz mis-sistema, sahaq il-konsulent legali tal-Airmalta, u Ii lanqas hemm korrelazzjoni bejn it-*take home pay* u dan peress li min kien min hadem certu sighat anqas u kien xorta ha paga aktar minn dawk is-sighat li kien hadem. Kien ghalhekk li fis-sena 2020, fi zmien il-pandemija li s-socjeta` ntimata nehhiet dan il-Ftehim Kollettiv.

Ghalhekk hadd ma jista' jghid, sostna d-difensur tal-Airmalta, li kien hemm xi forma ta' hsara doluza f'dan ir-rigward, la da parti tal-Airmalta u lanqas tal-Union ntimata. L-Union kienet qieghda tinnegozja fl-ahjar interess tal-membri taghha. Ghalhekk l-Airmalta mhijiex unikament responsabbli, l-mekkanizmu dahal sfurzat fuq l-Airmalta u dan minghajr lanqas qatt kienet mistiedna ghan-negozjati. Din kienet decizjoni li kienet gia ttiehdet ghal Airmalta wara li l-UCC u l-Gvern kienu qablu bejniethom, u li kienet il-UCC li kienet mexxiet dawn in-negozjati. Il-UCC kellha r-riedni f'idejha, bil-ftehim mall-Gvern u kif ukoll meta kien sar il-Ftehim Kollettiv[9].

Ikun ta' pregudizzju sproporzjonat, ghalaq it-trattazzjoni tieghu id-difensur tas-socjeta` ntimata, li tkun l-Airmalta biss responsabbli ghal dan kollu. In oltre, saret referenza ghal bdil fil-kumitat tal-UCC, li dan kollu ma jiskagonax lill-union intimata mir-responsabbiltajiet taghha. Union hi persuna guridika separata u ghalhekk tibqa' responsabbli ghal kull nuqqas li jkun sar mill-kumitat precedenti, sahaq l-istess difensur tal-Airmalta.

Da parti tal-UCC, ir-rapprezentant legali taghha beda biex irrimarka li l-Airmalta qieghda tipprova tilghab loghba tat-tfal iz-zghar. Id-difensur tal-Union intimata sahaq li hu l-Principal li jikkontrolla l-post tax-xoghol. Waqt din it-trattazzjoni saret referenza ghall-artikoliu 27 tal-Kap 452, fejn dan l-artikolu bl-aktar mod car jispjega li mpjegati tal-istess klassi ghandhom dritt ghall-istess renumerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali[10].

Id-difensur tal-Union intimata sostna li union tippartecipa f'negozjati li jwasslu ghal ftehim kollettiv, u dan il-fatt mhux ikkontestat. Mill-banda l-ohra l-union intimata qatt ma tista' tinstab responsabbli li ddiskriminat mall-impjegati li rraprezentat. Iz-zewg partijiet ma ressqux gurisprudenza li tindika dan l-aspett ta' responsabbilita` li qieghed attribwit lill-union intimata.

Ikun ukoll perikoluz, sostna d-difensur tal-union intimata li l-assistita tieghu tigi misjuba hatja ta' diskriminazzjoni tal-impjegati li tirraprezenta. Ir-rapprezentant legali tal-union intimata ghalaq it-trattazzjoni billi sahaq li l-union qatt ma sforzat xejn fuq il-Principal, ossia l-Airmalta, kif gie allegat mill-istess Airmalta.

F'din is-seduta r-rapprezentanti legali rribattew ghal dak li gie sottomess fejn ir-rapprezentant legali tar-rikorrenti irribatta ghal dak li sotttometta d-difensur tal-Airmalta fejn sahaq li r-responsballita` tal-Principal tohrog mil-ligi u mhux ghax din ir-responsabbilita` qieghda tigi attribwita minn xi parti jew ohra. Jekk is-socjeta` ntimata thoss li giet sforzata b'din ir-

---

[9] Trattazzjoni tas-Socjeta` ntimata Airmalta plc,seduta tal-11 ta' Gunju 2024, pagna 7 tat-traskizzjoni.
[10] Trattazzjoni ta-Union of Cabin Crew, seduta tal-11 ta' Gunju 2024, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

responsabbilta` minhabba l-azzjonist taghha, din ma ghandhiex tigi quddiem it-Tribunal Industrijali, izda tirrikorri quddiem il-fora kompetenti[11].

L-istess rapprezentant legali tal-Airmalta irribatta ghal dak li sostna id-difensur tar-rikorrenti fejn irrimarka li l-Qorti tal-Appell baghtet lura din il-kwistjoni quddiem dan it-Tribunal sabiex jara jekk il-Union hijiex responsabbli wkoll, mhux jekk l-artikolu 30 tal-Kap 452 iwassalx ghar-responsabbilita` tal-Union. Bhal ma gie sottomess mill-konsulent legali tal-union intimata li hu perikoluz li union tinstab responsabbli, daqstant iehor mhux sew li s-socjeta` ntimata tbati minhabba l-konsegwenzi tal-union, u dan ghax twaqqaf l-opert tal-linja tal-ajru. Il-union intimata dahlet fiz-zewg crieki ta' dan il-ftehim forzat fuq l-Airmalta, stante li l-union kienet prezenti ghan-negozjati mall-Gvern u mall-istess Airmalta, sostna id-difensur tas-socjeta` ntimata[12].

Da parti tar-rapprezentant legali tal-union intimata dan irribatta billi ghamel referenza ghall-artikolu 30 tal-Kap 452 u kif ukoll l-artikoli 26, 27 28, u 29 tal-Kap 452. Kien propju ghalhekk li l-Qorti tal-Appell li baghtet lura l-atti li dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi fuq din il-kwistjoni ta' responsabbilita`. Dan sar ghax il-Qorti tal-Appell interpretat b'mod different minn dak li r-rapprezentant tar-rikorrenti qieghed jinterpreta l-ligi[13].

Min-naha tal-union intimata irribatiet ghal dak li ssottomettiet is-socjeta` ntimata billi r-rapprezentant legali taghha sahaq li dak li jikkontempla artikolu 30 (1) u (4) hu cirkostanza fejn il-ksur ikun attribwiet lill-principal, u ghalhekk hu l-principal li hu responsabbli ghal dak il-ksur. In oltre, kull azzjoni kontra l-principal tkun bla pregudizzju taht xi ligi ohra, ossia taht forum iehor kontra xi hadd iehor[14].

**Konisderazzjonjiet tat-Tribunal Industrijali**

Dan it-Tribunal ghandu dan il-punt x'jiddeciedi wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Mejju 2024 baghtet lura l-atti quddiemu sabiex *"jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà o meno tal-intimata Union of Cabin Crew, anki fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens illikwidat favur ir-rikorrenti"* [15].

Illi dan it-Tribunal wara li evalwa bir-reqqa l-argumenti kollha tal-partijiet mressqa f'din il-kwistjoni ta' xoghol, matul it-trattazzjoni taghhom, dan it-Tribunal sejjer sabiex jikkonsidra dak li l-partijiet issottomettew.

Il-punt kardinali ta' dan kollu hu jekk hemmx responsabbilita` tal-Union of Cabin Crew fir-rigward tal-hlas tal-kumpens illikwidat a favur tar-rikorrenti, u cioe` dak li l-Onorabbli Qorti tal-Appell talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi.

---

[11] Kontro-replika tar-rikorrenti, seduta tal-11 ta' Gunju 2024, pagna 9, traskrizzjoni.
[12] Kontro-replika tas-socjeta` ntimata, seduta tal-11 ta' Gunju 2024, pagna 10, traskrizzjoni.
[13] Ibid pagna 11 tat-traskrizzjoni.
[14] Kontro-replika tal-Union intimata, seduta tal-11 ta' Gunju 2024, pagna 11, traskrizzjoni
[15] Decizjoni tat-3 ta' Mejju 2024, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Appell Inferjuri Numru 85/2023 LM, fl-ismijiet Jonathan Micallef et vs Air Malta plc (C-2685) u l-Union of Cabin Crew, per l-Onorevoli Mhallef Lawrence Mintoff.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Kap 452 fl-artikolu 75 (2) fejn dan is-subinciz jispjega l-funzjoni tat-Tribunal Industrijali, liema subinciz jistipula: -

> (2) Meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn prinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-ħaddiem[16].

Dan is-subinciz jaghmillha cara li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi kwistjonijiet fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li jorigina minn Titolu I tal-Kap 452 jew ta' xi regolament preskritt tahtu. Dan l-imsemmi subinciz tnejn (2) ta' artikolu hamsa u sebghin (75) jsemmi lill-principal bhal dak li jkun wettaq dak il-ksur jew it-tkeccija ngusta. Fl-ebda istanza ma tissemma' jew issir xi referenza ghal xi union li tirraprezenta l-impjegati.

In oltre, ghal dak li jikkoncerna l-kwistjoni odjerna jirrizulta bl-aktar mod car li artikolu 30 (1) jaghti spjegazzjoni dwar lejn min persuna li jkunu inkissrilha xi dritt kontra min ghandha tiehu azzjoni fil-kazijiet msemmija f'dan l-artikolu. Jirrizulta bl-aktar mod minn dan car minn dan l-artikolu fejn jistipula:

> 30.(1) Persuna li tallega li l-**prinċipal**[17] ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.

Ghalhekk dan is-subinicz wiehed ta' artikolu tletin (30(1)) tal-Kap 452 jaghmel referenza ghall-principal u ghal hadd aktar lejn min persuna ghandha tfittex f'kaz ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-impjieg u kif ukoll id-dispozizzjonjiet tal-artikolu 26, 27, 28 u 29. In oltre, dawn l-artikoli kollha citati fl-imsemmi artikolu 30 (1) kollha jinsabu f'Titolu I tal-Kap 452, precizament f'Taqsima IV.

Meta l-Legislatur kien introduca dan l-Att, lura fis-sena 2002, l-intenzjoni kienet li dawn l-istanti kollha jkunu nkorporati taht dan it-titolu, u kif ukoll li r-relazzjoni tkun bejn l-impjegat u l-principal. Ghalhekk it-Tribunal Industrijali hu strettament marbut b'dan l-Att, ossia Kap 452.

Mill-banda l-ohra il-Legislatur fl-imsemmi Att (Kap 452), precizament f'subinciz erbgha tal-artikolu tletin (30(4)) tal-imsemmi kap, ta d-dritt lil min ihossu aggravat li jkun jista' jiehu azzjoni quddiem forum iehor, u li mhux it-Tribunal Industrijali. L-artikolu 30 (4) jistipula s-segwenti: -

> (4) Kull azzjoni meħuda minn persuna li tagħmel ilment skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun mingħajr preġudizzju għal kull

[16] Kap 452, Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 75 (2), tal-Ligijiet ta' Malta.
[17] [17] Kap 452, Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 30 (1), tal-Ligijiet ta' Malta. Enfazi ta' dan it-Tribunal.

> azzjoni oħra li dik il-persuna li tagħmel l-ilment tkun tista' tieħu skont xi liġi oħra li tgħodd u tkun ukoll mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li għaliha jista' jkun suġġett ir-rispondent skont xi liġi oħra li tgħodd[18].

Ill ghalhekk il-legilsatur permezz ta' dan is-subinciz tal-artikolu 30 (4) ghamillha cara li azzjoni skont id-dispozizzjonjiet ta' dan l-artikolu huma bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra li tkun tista' ssir taht xi ligi ohra li hi valida, u li din l-azzjoni hi rivolta lejn dak ir-rispondent skont xi ligi valida ohra.

Illi matul it-trattazzjoni fuq il-punt ta' responsabbilita` tal-union intimata saru diversi argumenti, liema argumenti gew ciatati aktar 'l fuq, fosthom l-argument li sar mir-rikorrenti dwar ir-responsabbilita` *in solidum* tas-socjeta` ntimata u l-union, b'referenza ghall-artikoli tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia artikoli 1049 u 1050.

Dan it-Tribunal hu tal-fehma li dawn l-argumenti ghalkemm huma validi fis-sostanza taghhom, f'kuntest tad-dritt civili, mill-banda l-ohra dan it-Tribunal, stante l-fatt li hu marbut bil-Kap 452, irid jimxi fuq dak li l-imsemmi Att jistipula. It-Tribunal Industrijali ma jista` qatt imur kontra dik il-ligi specjali li hu marbut biha, *lex specialis derogat legi generalis*. Kap 452 hu l-Att li t-Tribunal Industrijali ghandu josserva meta jigi sabiex jaghti d-decizjonijiet tieghu.

L-argumenti tas-socjeta` ntimata wkoll huma validi f'kuntest ta' ligi civili, izda mill-aspett l-iehor tal-ligi industrijali u tal-impjiegi, u li dan it-Tribunal hu marbut bih, ossia Kap 452, ma jinkwadrawx. It-Tribunal Industrijali mhux il-fora adatta ghal dawn l-argumenti mressqa mis-socjeta` ntimata.

IL-Legislatur kien car fl-intenzjonijiet tieghu meta ippromulga dan l-Att, fejn dawn l-azzjonjiet mill-impjegati ghazel li jkunu kontra l-principal, ossia min ihaddmu, specjalment ghal dak li jikkoncerna l-kumpens dovut. F'dan is-sitwazzjonjiet il-Legislatur qatt ma ta x'jifhem li *trade union* ukoll ghandha tkun parti f'dawn l-azzjonjiet li jittiehdu mill-impjegati kontra l-principal, u li f'certi cirkostanzi dik l-istess *trade union* tkun qieghda tirraprezenta lill-istess impjegati. Il-Legilslatur ghalhekk kien car fl-intenzjoni tieghu dwar dan l-aspett, *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*.

Minn dak li dan it-Tribunal evalwa jirrizulta li s-socjeta` ntimata, Air Malta plc qieghda thossha aggravata ghall-fatt li saru negozjati minn wara daharha bejn il-union intimata u l-Gvern, li hu wkoll azzjonist taghha (Air Malta plc). Is-socjeta` ntimata wara li saru n-negozjati, u li kif gie sottomess qatt ma ppartecipat ghalihom, kienet kostretta li tiffirma l-ftehim kollettiv, anzi addirittura gie allegat li dan il-ftehim gie sfurzat fuqha.

Dan it-Tribunal iqis li dan l-argument ma jistax jaccettah, u dan meta jiehu in konsiderazzjoni l-esperjenza vasta li s-socjeta` ntimata ghandha, liema esperjenza inbniet tul dawn is-snin kollha ta' diversi trattattivi ta' negozjati ta' ftehimiet kollettivi tal-haddiema taghha li saru tul is-snin kemm ilha mwaqqfa. Is-socjeta` ntimata kellha kull dritt li tevalwa dak il-ftehim li kien

[18] [18] Kap 452, Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 30 (4), tal-Ligijiet ta' Malta.

sar bejn il-Gvern u l-union intimata, u kif ukoll li terga' tiftah in-negozjati jekk dak il-ftehim kollettiv, li kien sar minn wara daraha, u dan kif gie sottomess, ma kienx vijabbli ghaliha.

In oltre, la kien qieghed jigi allegat li kien hemm ukoll diskriminazzjoni minhabba l-mod li kien sar il-Ftehim Kollettiv, u dan peress li il-principju ta' *equal pay for equal work* ma kienx osservat, is-socjeta` ntimata kellha kull opportunita` li tressaq kull prova li turi l-oppost ta' dak li kienu qeghdin jillanjaw ir-rikorrenti. In oltre, s-socjeta` ntimata kellha wkoll kull opportunita` li tipprova li dan il-principju ma kienx qed jigi ivvjolat da parti taghha. F'dawn l-istanti hu l-principal li ghandu r-responsabbilita` li jonora dan il-principju ta' *equal pay for equal work*, u dan stante li hu l-istess principal li johrog il-hlasijiet, ossia s-salarji lill-impjegati tieghu. L-awtur Norman Selwyn isostni, dwar dan il-punt is-segwenti: -

> 5.4 In principle, the burden of proof lies upon a claimant to show that, on basis of probabilities, s/he is not receiving equal pay, but in Handels-og v Dansk Arbejdsgiverforening (the 'Danfoss case) the ECJ held that if a pay system manifestly produces inequalities of pay between the sexes, the burden of proof lies upon the employer to show that the criteria used that produces those inequalities are not discriminatory. Thus once there is a suspicion of discrimination in pay scales, the burden of proof shifts to the employer to justify pay differentials (Enderby v Frenchay Health Authority)[19].

Illi dan it-Tribunal, li kellu l-opportunita li jisma' din il-kwistjoni ta' xoghol sa mill-bidu nett taghha jikkonsidra li suspetti dwar il-modalita` tal-hlas tal-iskali li kienet qieghda tiddiskrimina bejn l-impjegati kienet gia tidher u tinhass. Kif gia sar accenn aktar 'l fuq, is-socjeta` ntimata, li ghandha esperjenza vasta ta' negozjar dwar is-salarji tal-impjegati taghha, setghet facilment tirrimedja ghal dan kollu. Dan il-bran tal-imsemmi awtur, li b'analogija jista' jigi applikat ghal kwistjoni odjerna, jitfa' dawl car sabiex wiehed jifhem din is-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet involuti f'din il-kwistjoni ta' xoghol.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi li hija s-socjeta` ntimata, Air Malta plc li hi unikament responsabbli ghall-hlas tal-kumpens, u dan kif gie hekk ordnat fid-decizjoni tieghu tal-25 ta' Lulju 2023, liema kumpens gie wkoll ikkonfermat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, tat-3 ta' Mejju 2024. Dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda poteri moghtija lilu mill-Kap 452 li jiddeciedi dwar din il-lanjanza li tqajjmet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u ghalhekk dan it-Tribunal mhux il-fora adatta li jisma' u jiddeciedi din il-pendenza.

(Iffirmat)
**Dr Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

---

[19] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 5.4, p. 171.

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**